**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 27 ta' Frar 2025**

**Rikors nru: 607/2024 AGV**

**JB**

**VS**

**SP**

**Il-Qorti;**

**Rat ir- Rikors ta' JB ;**

TESPONI bir-rispett u tikkonferma :

Illi l-partijiet izzewgu fi tnejn u ghoxrin ta’ Ottubru 2004 skond certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala **Dok. A** u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal li llum ghandhom tlettax u tmien snin;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b`digriet moghti mill-Qorti Civili (sezzjoni famija) fi tletin ta’ Novembru elfejn u ghoxrin (30/11/2020) (**Ara Dok B anness**).

Illi m`hemmx l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi ilhom snin twal mifrudin illun ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma’ persuni ohra.

Illli m`hemm l-ebda manteniment dovut ghall-ulied f’ dawn l-istadju illi huwa dejjem hallas  il-manteniment lejn uliedhom ser jibqa’ jaghmel dan skond l-eta il-minuri jaghlqu tmintax- ilsena u ma jkunx qed jistudjaw fuq bazi full-time. F`kaz li l-imsemmija minuri jibqghu jistudjaw fuq bazi full time wara l-eta’ ta’ tmintax- il sena dan il-manteniment jibqa’ dovut sal-eta’ ta tlieta u ghoxrin sena jew sakemm il-minuri jibqghu jistudjaw sa qabel l-eta ta’ tlieta u ghoxrin sena.

Illi m`hemmx kwistjoni ta’ manteniment lill-intimata.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiegha ghall-ksib tad-divorzju skond l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant umilment jitolbu lill-din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku tad-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-registru Pubbliku.

**Rat ir- Risposta guramentata ta' SP;**

jikkonferma:

Illi l-esponenti jikkonfermaw l-fatti kif esposti mir-rikorrenti fir-rikors guramentat taghha.

Illi l-esponenti jirrileva umilnet li huwa dejjem ihallas il-manteniment dovut ghal uliedu minuri.

Illi l-esponenti wkoll li ma hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni.

Illi jirrileva wkoll li ma hemm l-ebda oggezzjoni li tigi pronunzjata d-divorzju bejnu u martu r-rikorrenti.

**Illi minkejja dan l-esponenti jirrileva li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom ikunu a karigu esklussiv tar-rikorrenti.**

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif premessi skond il-ligi u bl-ispejjez.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet li sehh fit- 22 ta' Ottubru 2004 .

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal ghaxart (10) ijiem.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**